MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 381/2010

Kawza fil-lista: 67

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-15 ta' Gunju 1996; li l kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u li l-kunsens inghata bl-esklusjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dan fit-termini tal-paragrafu (d) u (f) ta' l-artikolu 19[1] tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed jitlob minn din il-Qorti biex iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti

kollha tal-ligi; u tordna li din id-dikjarazzjoni ta’ nullita’ tkun registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv ; bl-ispejjez.

Rat in-nota li biha l-konvenuta ddikjarat li taqbel mat-talbiet ta’ l-attur, ghar-ragunijiet esklussivament imputabbli lill-attur ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-15 ta’ Gunju 1996 fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati. Il-konvenuta ma topponix.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izewwgu fil-15 ta’ Gunju 1996, meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 25 sena. F’ dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal, wiehed wara sentejn u l-iehor wara tlett snin taz-zwieg, fit-13 Frar 1998 u fil-11 Ottubru 2001.

Illi inizjalment, sakemm twieled it-tieni wild, il-hajja matrimonjali kienet tajba, u ma kienx hemm problemi serji bejn il-partijiet. Izda s-sitwazzjoni nbiddlet meta l-konvenuta kellha tieqaf tahdem, wara t-twelid tat-tieni wild, u ghalhekk ghalqet il-hanut li kienet tiggestixxi. Min-naha tieghu, l-attur ma accettax din is-sitwazzjoni, u rreagixxa billi jhalli lill-konvenuta martu nieqsa mill-flus.

Dan il-fatt kien is-sors inizjali ta’ litigji bejn il-partjiet, u kellu bhala konsegwenza effett fuq l-istat emozzjonali bejn il-partijiet, tant li bdiet tidhol il-bruda bejniethom. Naqset il-komunikazzjoni u l-intimita’ bejniethom ; u wara konvivenza matrimonjali ta’ hdax [11]-il sena l-attur telaq mid-dar konjugali, biex ikompli r-relazzjoni extra-matrimonjali li kien dahal fiha.

*Verzjoni attur*
L-attur jiddiskrivi r-relazzjoni li kellu mal-konvenuta waqt l-gherusijja bhala tajba u li damet sejra tlett snin ; ihares lejh innifsu bhala egoist, jahseb ghar-rasu u kien mohhu fid-delizzji varji li kien isegwi qabel u wara z-zwieg b'certu serjeta' ; kien jahdem u ha responsabbilita tad-dejn tal-familja - kien ihallsu hu waqt li martu l-konvenuta kienet tipprovdi ghall-familja minn dak li iddahhal mill-hanut li kienet tmexxi hi. Wara t-tieni wild il-mara waqfet tahdem u hawn bdew il-problemi finanzjarji, stante li ma kienx jaghtiha flus, bir-rizultat li lill-konvenuta kien jghina missieru u ommha.

Kagun ta' dan, il-partijiet kienu jillitigaw hafna, bir-rizultat li eventwalment dahlet il-bruda bejniethom. L-attur ghamel l-almu tieghu u biddel l-attitudni u l-agir tieghu fil-konfront ta' martu, f' attentat li jerga' jirbah lil martu, imma b' ezitu negattiv.

Eventwalment huwa dahal f' relazzjoni extra-matrimonjali ; u ghalkemm lil martu talabha cans iehor imma dina cedditx.

*Verzjoni konvenuta*
Il-konvenuta tghid li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien circa 5 snin. Hi fethet hanut, izda meta kellha it-tieni wild kellha taghlaq il-hanut peress li ma setghetx tkampa.

Tghid li kien wara dan, li bdew il-problemi bejn il-partijiet, ghax l-attur ma kienx jaghtiha flus ghall-hajja, u wkoll kien ikun assenti hafna mill-familja peress li kien mohhu fix-xoghol u fid-delizzju li kellu ; u dan a skapitu tal-bzonnijiet tad-dar u tat-tfal. Tghid : '*ghaddejt 8 snin, disgha, dejjem nipprova nirrangah lilu, jigifieri ghamilt l-effort tieghi ma mortx ghas-separazzjoni there and then imma fl-ahhar qtajt qalbi'* [fol.35] ; u ghalkemm kienet tigbidlu l-attenzjoni dwar ir-responsabbilta tieghu bhala ir-ragel u missier – *'Kien jaghmel xi gimgha sew imma mbaghad nergghu'* [Fol.39]. Fl-ahhar ma cedditx ghall-weghdiet tieghu li jirranga, u ghalhekk talbet separazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi, mill-provi jirrizulta li kien hemm perijodu twil ta' gherusija immirat lejn iz-zwieg : flimkien il-partijiet kienu fethu *'joint account',* hadu '*loan'* u xtraw id-dar matrimonjali, kellhom arrangament flimkien li d-dejn fuq din-id-dar kienet ir-responsabbilita tal-attur waqt li l-konvenuta kienet responabbli ghal hanut li kellha u bl-introjtu tieghu kienet thallas l-ispejjes l-ohra tal-familja;

Illi d-decizjoni li jizzewwgu haduha flimkien meta t-tnejn kellhom certa maturita', u l-konvenuta tichad li qatt kellha xi indecizjoni jekk tizzewwigx lill-attur jew lil xi hadd iehor.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz ma jikkonfigurawx il-*capita nullitatis* li fuqha l-attur qed jibbaza t-talba tieghu. Mill-provi jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet riedu jizzewwgu lil xulxin u kienu jafu x' inhuma l-obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali, cioe' dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Il-partijiet kienu jafu b'dawn l-obbligi u di fatti ghexuhom ghal hames snin mininghajr inkwiet, li matulhom kellhom zewg t'itfal b' intervalli ta' sentejn circa. Il-provi wkoll jikkonfortaw it-tezi li huma kienu kapaci jezegwixxu l-obbligi matrimonjali ; u ma rrizultat ebda anomalija psikologika fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu precitat.

Il-premessi konsiderazzjonijiet japplikaw b'izjed qawwa fir-rigward tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] tal-istess artikolu.

In fine jigi osservat li, ghalkemm jidher li l-problemi matrimonjali inizjalment kellhom bhala bazi taghhom ir-ragunijiet finanzjarji, is-separazzjoni giet precipitata bir-relazzjoni extra-matrimonjali da parti tal-attur, li, fi kliemu : "Meta bdejt din ir-relazzjoni jien kont ghadni nghix fid-dar, u l-mara tieghi kienet taf li ghandi din ir-relazzjoni ghax kont ghidtilha". "Wara s-separazzjoni jiena komplejt bir-

relazzjoni extra matrimonjali li kelli.” [fol.18]. Cirkostanzi li dawn jissodisfaw l-estremi ghas-separazzjoni personali, izda, [fic-cirkostanzi] mhux ta’ annullament.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------